MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 124/2007

**John Pullicino ID Nru 538759(M)**
**u Golden Harvest Mfg Co Ltd (C 176)**

**Vs**

**Emmanuel Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur u s-socjeta' attrici talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lill-istess attur et is-somma ta' erbat elef hames mija sebgha u hamsin liri maltin (Lm4,557.00) bilanc ta' ammont akbar dovut lilha bhala prezz ta' merkanzija kkonsenjata u mibjugha.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Marzu 2001 (rif 2131/05) u dik tal-15 ta'Mejju, 2006 (rif. 2932/06) u bl-interessi legali mid-data ta' l-ewwel ittra msemmija sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut (fol 13 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2148(a) u (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nuqqas ta' relazzjoni guridika fil-konfront ta' l-attur John Pullicino;
3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
4. Illi, in kwantu ghall-ispejjez ta' l-Ittra ufficjali Nru 2932/06, dawn m'ghandhomx jigu sopportati mill-eccipjenti, u dan stante li l-istess ittra ufficjali maghmula a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal –Ligijiet ta' Malta hija nulla u bla ebda effett fil-Ligi, u dan stante li ma tirrispekkjax il-forma dettata mill-istess Artikolu 166A.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-konvenut a fol 15 ibid u li biha spjega f'aktar dettal, it-tielet (3) eccezzjoni sottomessa minnu (ara ukoll fol 13 tal-atti).

Rat in-nota tal-attur et a fol 21 ibid u li biha rriducew it-talba ghall-ammont ta' Lm3259.87 (ara ukoll fol 20 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensur tal-konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza hi limitata ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni kif sottomessi mill-konvenut u ser jigu decizi fl-ordni kif maghmula.

<u>Ikkunsidat</u>

In rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni, din hi bazata fuq l-artikolu 2148(a) u (b) tal-Kodici Civili. Certament f'dan il-kaz li trattasi ta' bejgh bl-imnut konsenja ta' merkanzija konsistenti f'hobz u ghall-hlas tal-prezz ta' din, jidher li jista' jkun applikabbli s-subinciz (b) u mhux (a) li jirreferi ghal persuni li jahdmu sengha u arti. F'dan il-kaz qed jinghad illi l-azzjoni in esami hi preskritta bit-trapass ta' tmintax-il (18) xahar.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jinghad minnufih illi, fejn jittratta kaz li involvi azzjoni allegatament preskritta, din il-Qorti hi tal-fehma u konnessjoni illi din ghandha tigi interpretata u applikata favur il-kreditur u dan sabiex din l-eccezzjoni ma sserviex sabiex jigi evitat il-hlas ta' xi debitu.

Illi, dan premess, il-konvenut xehed (fol 18 et seq ibid) illi hu, ma terza persuna, kien beda jordna merkanzija minghand is-socjeta' attrici madwar sbatax-il sena' qabel ma xehed cjoe fl-1991. Hu cahad in kontro ezami illi madwar sena' qabel, hu kien obbliga ruhu li jhallas l-ammont dovut minnu bhala bilanc. Inoltre, hu kien ircieva, karta mill-Qorti', ghall-ewwel darba, f'madwar Gunju tal-2006.

Illi, pero', l-attur John Pullicino (fol 22 et seq ibid) xehed dwar diversi 'cheques' mahruga mill-konvenut u kollha 'referred to drawer' (ara fol 26 ibid). Inoltre hu esebixxa (a fol 25 ibid) il-fatturi kollha relattiva ghal ordinijiet li kienu saru mill-konvenut u l-konsenja tal-istess merkanzija bejn '1969' (presumilment 1996) sas-sena' 2000. Kif di gja spjega, peress li diversi pagamenti saru permezz ta' 'cheques' li ma gewx onorati. Inoltre kien sar ftehim dwar pagamenti permezz ta' 'slips' kif spjegat fl-istess xhieda. Izda anke hawnhekk ma kienx sar pagament. F'okkazjoni wahda kien sar pagament 'in parte' permezz ta' tpacija ma' 'freezer' tat-tigieg. Hawnhekk l-attur jsostni illi l-ahhar darba li kien iddiskuta l-kaz mal-konvenut, dejjem dwar il-bilanc dovut kien matul Gunju/Lulju tal-2007. Certament il-konvenut cahad dan tal-ahhar. Pero, il-Qorti hi disposta li temmen lill-attur u b'hekk ghalhekk ser tapplika dak li

jinghad fl-artikolu 2133 ibid dwar debitur li jaghraf dak li hu dovut minnu.  Konsegwentement, din l-eccezzjoni in esami ser tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward it-tieni eccezzjoni kif proposta, jidher car mill-istess xhieda tal-attur illi hu kien qed jagixxi mhux f'ismu propjru izda bhala 'salesman' mas-socjeta' attrici. In konnessjoni ma' dan il-punt, l-attur esebixxa d-dokument a fol 32 tal-atti fejn jinghad illi l-attur hu inkarigat sabiex jidher fil-Qorti in rapprezentanza tas-socjeta attrici f'proceduri gudizzjarji.  Dwar dan ghanda ssir referenza ghall-artikoli 1866 tal-kodici Civili izda l-attur jidher li hu wiehed mill-persuni specifikati fl-artikolu 786 u 180(1) (a) tal-Kapitoli 12 tal-Ligijiet ta' Malta ossija rappresentant ta' ditta'.  Izda kif giet istitwita l-azzjoni odjerna, l-attur qed jagixxi 'proprio' u mhux nomine.  Konsegwentement stante li jidher li l-ammont allegatament dovut ghandu jithallas lis-socjeta' attrici, l-attur ma ghandux jkollu 'locus standi' f'din il-kawza, li ghandha tissokta mis-socjeta' attrici wahedha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni waqt li tilqa' t-tieni (2) eccezzjoni u tordna li din il-kawza titkompla mis-socjeta' attrici biss sabiex jigi deciz il-meritu kif ukoll l-eccezzjonijet li baqa'.  Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------